Nru./No. 18,390
Prezz/Price
€3.73

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 13 ta' Marzu, 2009
Friday, 13th March, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 2353
Proclamation by the President of Malta *2353*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2354 - 2355
Government Notices ..... *2354 - 2355*

Avviżi tal-Pulizija ..... 2356 - 2358
Police Notices ..... *2356 - 2358*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 2359 - 2365
Employment Opportunities ..... *2359 - 2365*

Avviżi tal-Gvern ..... 2365 - 2368
Notices ..... *2365 - 2368*

Offerti ..... 2368 - 2411
Tenders ..... *2368 - 2411*

Avviżi tal-Qorti ..... 2412 - 2428
Court Notices ..... *2412 - 2428*

Anno Domini 2009 Nru. III

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT
(L.S.) TA' MALTA

(Iff.) George Hyzler
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fit-12 ta' Marzu, 2009, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., M.D., qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 12 ta' Marzu, 2009.

B'Awtorità,

(Iff.) Lawrence Gonzi
Prim Ministru

Anno Domini 2009 No. III

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT
(L.S.) OF MALTA

(Sd.) George Hyzler
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 12th day of March, 2009, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., M.D., do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 12th day of March, 2009.

By Authority,

(Sd.) Lawrence Gonzi
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 202

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 22 imsejjaħ Att tal-2009 li jemenda l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur.

It-13 ta' Marzu, 2009

Nru. 203

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

It-13 ta' Marzu, 2009
(File No. L175/2007)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara li qiegħed nirrevoka l-Proklama tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Jannar, 2008 taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 28.

Deskrizzjoni tal-Art

Art f'Marsaxlokk:–

L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art li jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinek f'tul totali ta' 584 metru u li jvarjaw fil-fond u fil-wisgħa u mina twila 152 metru f'Marsaxlokk.

Rotot:

A - B	532 metru
C - D	52 metru
E - F	152 metru

L-art hawn fuq imsemmija hija murija fuq il-pjanta P.D. Nru. 2007_787 (pjanta msemmija fil-proklama P.D. Nru. 2007_596 kienet żbaljata). It-trinka fuq il-pjanta P.D. Nru. 2007_787 hija murija bil-kulur aħmar u l-mina hija murija bil-kulur aħdar, kif ukoll fuq il-pjanti tal-Korporazzjoni Enemalta PET/XZ/60 u PET/NS/30, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

L-4 ta' Marzu, 2009

GOVERNMENT NOTICES

No. 202

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 22 entitled the Copyright (Amendment) Act, 2009.

13th March, 2009

No. 203

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

13th March, 2009

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that I am revoking the Proclamation by the President of Malta published in the Government Gazette of the 15th January, 2008 under Government Notice No. 28.

Description of Land

Land at Marsaxlokk:–

The mentioned subsoil rights consisting in the digging of trenches for the total length of 584 metres differing in depth and width and a tunnel measuring 152 metres at Marsaxlokk.

Routes:

A - B	532 metru
C - D	52 metru
E - F	152 metru

The above mentioned land is shown on plan marked P.D. No. 2007_787 (plan mentioned in P.D. No. 2007_596 was mistaken). The trench on plan P.D. No. 2007_787 is shown with the colour red and the tunnel is shown with the colour green, and also on the plans of Enemalta Corporation PET/XZ/60 u PET/NS/30, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

4th March, 2009

Nru. 204

BORD TAL-APPELL DWAR KUNTRATTI PUBBLIĊI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 104 (1) u (2) tar-Regolamenti tal-2003 dwar il-Kuntratti Pubbliċi, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għoġbu jaħtar il-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubbliċi kif ġej:

Chairman
Is-Sur Alfred Triganza, BA (Hons.) Accty, FIA, CPA, DipM (UK), MCIM (UK), MIM

Membri
Is-Sur Anthony Pavia
Is-Sur Edwin Muscat

Membru Sostitut
Is-Sur Carmelo Esposito

Dawn il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' sentejn sat-2 ta' Marzu 2011.

It-13 ta' Marzu, 2009

No. 204

PUBLIC CONTRACTS APPEALS BOARD

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 104 (1) and (2) of the Public Contracts Regulations 2003, the Minister of Finance, the Economy and Investment has appointed the Public Contracts Appeals Board as follows:

Chairman
Mr Alfred Triganza, BA (Hons.) Accty, FIA, CPA, DipM (UK), MCIM (UK), MIM

Members
Mr Anthony Pavia
Mr Edwin Muscat

Substitute Member
Mr Carmelo Esposito

These appointments are valid for a period of two years up to the 2nd March 2011.

13th March, 2009

Nru. 205

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
13. 03. 09	€24.048	€0.369

It-13 ta' Marzu, 2009

No. 205

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

13th March, 2009

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 14

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ, twaqqif u parkeġġ ta' vetturi huma pprojbiti fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Valletta

Nhar il-Ħamis, id-19 ta' Marzu 2009 mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: it-Teatru, il-Punent, l-Arċisqof u r-Repubblika.

Nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' April 2009 mis-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sant'Ursula, San Kristofru, il-Merkanti, Melita u San Pawl sa quddiem il-Knisja ta San Pawl Nawfragui.

Nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' April 2009 mis-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sant'Ursula, San Kristofru, il-Merkanti, Melita u San Pawl sa quddiem il-Knisja ta' San Pawl Nawfragu.

Il-Furjana

Nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' April 2009 mis-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Vincenzo Dimech, Leone, il-Konservatorju, il-Mall, Sarria, San Tumas, l-Imħażen, il-Miratur u San Publju.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

Raħal Ġdid

Nhar is-Sibt, il-21 ta' Marzu, 2009, bejn it-3.00 p.m. u d-9.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza De Paule, Ħal Saflieni, iċ-Ċimiterju, Melita, Palma, Sant'Ubaldeska u Ninu Cremona.

Nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' April, 2009, bejn is-1.00 p.m. u l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza De Paule, Vjal il-Knisja, il-Fuħħar u Ġużé D'Amato.

Nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' April, 2009, bejn is-1.00 p.m. u l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza De Paule, Sammat, Lampuka, Ħaż-Żabbar, Schreiber, San Ġorġ, San Ġużepp, Mater Boni Consilii u Bormla.

Nhar il-Ħadd, it-12 ta' April 2009, bejn is-7.00 a.m. u

POLICE NOTICE

No. 14

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder are prohibited on the dates and times indicated.

Valletta

On Thursday, 19th March 2009 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: it-Teatru, il-Punent, l-Arċisqof and ir-Repubblika.

On Friday, 3rd April 2009 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: Sant'Ursula, San Kristofru, il-Merkanti, Melita and San Pawl up to St Paul's Shipwreck Church.

On Friday, 10th April 2009 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: Sant'Ursula, San Kristofru, il-Merkanti, Melita and San Pawl up to St Paul's Shipwreck Church.

Floriana

On Friday, 3rd April 2009 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: Vincenzo Dimech, Leone, il-Konservatorju, il-Mall, Sarria, San Tumas, l-Imħażen, il-Miratur and San Publju.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

Paola

On Saturday, 21st March 2009 between 3.00 p.m. and 9.30 p.m. through the following streets: Pjazza De Paule, Ħal Saflieni, iċ-Ċimiterju, Melita, Palma, Sant'Ubaldeska and Ninu Cremona.

On Friday, 3rd April 2009 between 1.00 p.m. and 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza De Paule, Vjal il-Knisja, il-Fuħħar and Ġużé D'Amato.

On Friday, 10th April 2009 between 1.00 p.m. and 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza De Paule, Sammat, Lampuka, Ħaż-Żabbar, Schreiber, San Ġorġ, San Ġużepp, Mater Boni Consilii and Bormla.

On Sunday, 12th April 2009 between 7.00 a.m. and noon

nofsinhar mit-toroq li ġejjin: Pjazza De Paule, Ħaż-Żabbar, il-Qalb Imqaddsa, Tal-Borg, is-Sorijiet, Mater Boni Consilii, Malvizz, Gurbell, San Mikiel, Wied Blandun u Bormla.

Il-Fgura

Nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' April, 2009, bejn it-3.00 p.m. u l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Hompesch, is-Sur, Valperga u l-Karmelitani.

Ħal Luqa

Nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Marzu, 2009, bejn it-3.00 p.m. u l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Sant'Andrija, San Ġużepp, il-Ġdida, San Pawl u Misraħ il-Knisja.

Nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' April, 2009, bejn it-3.00 p.m. u l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Sant'Andrija, Dun Pawl, il-Ġdida u Sant'Andrija.

Nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' April, 2009, bejn is-1.00 p.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Dokkiena, San Pawl, Misraħ il-Knisja, San Ġużepp, San Ġorġ, Sant'Andrija, Misraħ Sant'Andrija, il-Ġdida, San Pawl, Mons. G. Debono, ir-Rixtellu u l-Karmnu.

It-13 ta' Marzu, 2009

through the following streets: Pjazza De Paule, Ħaż-Żabbar, il-Qalb Imqaddsa, Tal-Borg, is-Sorijiet, Mater Boni Consilii, Malvizz, Gurbell, San Mikiel, Wied Blandun and Bormla.

Fgura

On Friday, 3rd April 2009 between 3.00 p.m. and 10.00 p.m. through the following streets: Hompesch, is-Sur, Valperga and il-Karmelitani.

Luqa

On Friday, 27th March 2009 between 3.00 p.m. and 10.00 p.m. through the following streets: Misraħ Sant'Andrija, San Ġużepp, il-Ġdida, San Pawl and Misraħ il-Knisja.

On Friday, 3rd April 2009 between 3.00 p.m. and 10.00 p.m. through the following streets: Misraħ Sant'Andrija, Dun Pawl, il-Ġdida and Sant'Andrija.

On Friday, 10th April 2009 between 1.00 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: Dokkiena, San Pawl, Misraħ il-Knisja, San Ġużepp, San Ġorġ, Sant'Andrija, Misraħ Sant'Andrija, il-Ġdida, San Pawl, Mons. G. Debono, ir-Rixtellu and il-Karmnu.

13th March, 2009

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 15

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huma pprojbiti fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ħamis, id-19 ta' Marzu 2009 mill-9.45 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Santa Marija, il-Bizzilla, il-By Pass, it-Tumbarellu, Ta' Loretu, Dun Marċell Mallia, il-Gudja u l-Pjazza.

Nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Marzu 2009 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Belt Valletta, San Filippu, Misraħ Santu Rokku u Santa Marija.

Nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' April 2009 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, San Pawl, Marjanu Gerada, Dun Mattew Scriha, Tal-Ġewwinija, Dawret Ħal Għaxaq *(Service Road)*, Santa Tereża, Santa Marija u Misraħ Santa Marija.

POLICE NOTICE

No. 15

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Għaxaq

On Thursday, 19th March 2009 from 9.45 a.m. onwards through the following streets: Santa Marija, il-Bizzilla, By Pass, it-Tumbarellu, Ta' Loretu, Dun Marċell Mallia, il-Gudja and il-Pjazza.

On Friday, 20th March 2009 from 4.00 p.m. onwards through the following streets: il-Belt Valletta, San Filippu, Misraħ Santu Rokku and Santa Marija.

On Friday, 3rd April 2009 from 4.00 p.m. onwards through the following streets: San Ġużepp, San Pawl, Marjanu Gerada, Dun Mattew Scriha, Tal-Ġewwinija, Dawret Ħal Għaxaq (Service Road), Santa Tereża, Santa Marija and Misraħ Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, il-5 ta' April 2009 mis-7.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ San Filippu, Misraħ Santu Rokku, Santa Marija u Pjazza Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, il-5 ta' April 2009 minn nofsinhar 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Santa Marija, Santa Tereża, Dawret Ħal Għaxaq *(Service Road),* tal-Ġewwinija, Dun Mattew Scriha, San Filippu, Pjazza Santu Rokku u Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, il-5 ta' April 2009 mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ San Filippu, San Filippu, il-Ġistakor, il-Milwa, il-Garakol, G.M. Farrugia, Santa Marija, il-15 ta' Frar 1970, il-Bizzilla, Dawret Ħal Għaxaq *(Service Road),* Vjal il-Labour u Santa Marija.

Nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Mejju 2009 mit-8.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Pawl, Marjanu Gerada, Dun Mattew Scriha, San Filippu, Misraħ Santu Rokku, Santa Marija, Santa Tereża, Dawret Ħal Għaxaq *(Service Road),* il-Bizzilla, il-15 ta' Frar 1970 u Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Mejju 2009 mit-8.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Vjal il-Labour, il-Knisja, San Pawl, Misraħ San Filippu, Misraħ Santu Rokku, Santa Marija u Pjazza Santa Marija.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż huma suġġetti li jiġu rmunkati.

Ix-Xagħra

Nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' April 2009 mill-4.00 p.m.sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, Vjal it-8 ta' Settembru, Bambina, il-Mitħna, l-Imqades u Franġisk Camilleri.

Nhar il-Ħadd, il-5 ta' April 2009 mis-6.00 a.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, l-Ispiera, ta' Bullara u l-Knisja.

Nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' April 2009 mill-11.00 a.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, it-28 ta' April 1688, San Ġużepp, ta' Bullara, Jannar u Pjazza San Anton.

Nhar il-Ħadd, it-12 ta' April 2009 mis-6.00 a.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, l-Arċipriet Diacono u t-Tiġrija.

Vetturi li jinsabu pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-13 ta' Marzu, 2009

On Sunday, 5th April 2009 from 7.00 a.m. onwards through the following streets: Misraħ San Filippu, Misraħ Santu Rokku, Santa Marija and Pjazza Santa Marija.

On Sunday, 5th April 2009 from noon onwards through the following streets: Santa Marija, Santa Tereża, Dawret Ħal Għaxaq (Service Road), tal-Ġewwinija, Dun Mattew Scriha, San Filippu, Pjazza Santu Rokku and Santa Marija.

On Sunday, 5th April 2009 from 3.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ San Filippu, San Filippu, il-Ġistakor, il-Milwa, il-Garakol, G.M. Farrugia, Santa Marija, il-15 ta' Frar 1970, il-Bizzilla, Dawret Ħal Għaxaq (Service Road), Vjal il-Labour and Santa Marija.

On Friday, 1st May 2009 from 8.00 a.m. onwards through the following streets: San Pawl, Marjanu Gerada, Dun Mattew Scriha, San Filippu, Misraħ Santu Rokku, Santa Marija, Santa Tereża, Dawret Ħal Għaxaq (Service Road), il-Bizzilla, il-15 ta' Frar 1970 and Santa Marija.

On Sunday, 17th May 2009 from 8.00 a.m. onwards through the following streets: Vjal il-Labour, il-Knisja, San Pawl, Misraħ San Filippu, Misraħ Santu Rokku, Santa Marija and Pjazza Santa Marija.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Xagħra

On Friday, 3rd April 2009 from 4.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, Vjal it-8 ta' Settembru, Bambina, il-Mitħna, l-Imqades and Franġisk Camilleri.

On Sunday, 5th April 2009 from 6.00 a.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, l-Ispiera, ta' Bullara and il-Knisja.

On Friday, 10th April 2009 from 11.00 a.m. to 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, it-28 ta' April 1688, San Ġużepp, ta' Bullara, Jannar and Pjazza San Anton.

On Sunday, 12th April 2009 from 6.00 a.m. to 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, l-Arċipriet Diacono and it-Tiġrija.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

13th March, 2009

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

Post ta' *Principal Auditor Information Technology*

L-Awditur Ġenerali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Principal Auditor IT* mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

Dawk li jixtiequ japplikaw għal dan il-post ta' *Principal Auditor IT* irid ikollhom grad ta' Baċellerat jew ekwivalenti fl-*IT* jew f'oqsma oħra relatati li jinkludu *Computer Science, IT Management, eBusiness Studies, IT Security* u *Accountancy.* Preferenza tingħata lil dawk il-kandidati li għandhom kwalifiki professjonali fl-*IT Auditing* jew li għandhom sentejn esperjenza ta' speċjalizzazzjoni wara l-lawrja.

Is-salarju għal dan il-grad huwa ta' €21,057 b'żidiet ta' €456 fis-sena għal €22,427. Jista' jingħata wkoll *performance bonus* fl-aħħar tas-sena.

Il-persuna magħżula se tkun qed taħdem direttament taħt is-superviżjoni tal-*Manager, IT,* tmexxi xogħol ta' verifika ta' *IT* ta' diversi istituzzjonijiet u aġenziji governattivi, tirrapporta dwarhom u tifformula rakkomandazzjonijiet.

F'din il-pożizzjoni, il-persuna magħżula tkun responsabbli minn xogħlijiet speċifici ta' *IT* assenjati lilha u mistennija li taħdem bl-inqas superviżjoni. Jista' jkun li hija tintalab tagħmel preżentazzjonijiet orali fuq is-suffiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi ta' *IT* u l-effiċjenza ta' ħidmiet imwettqa minn dipartimenti tal-Gvern. Il-*Principal Auditors IT* jippreparaw ukoll rapporti ta' verifika.

L-applikanti għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw kemm verbalment u bil-miktub bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża.

L-impjieg li huwa bi prova għal tnax-il xahar, huwa fuq bażi *full-time* u huwa għal żmien definit ta' tliet snin li jista' jiġi mġedded suġġett għal servizz sodisfaċenti. Il-ħatra hija suġġetta għal regolamenti li minn żmien għall-ieħor jirregolaw impieg mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu mal-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

NATIONAL AUDIT OFFICE

Post of Principal Auditor Information Technology

The Auditor General invites applications for the post of Principal Auditor IT with the National Audit Office.

Applicants wishing to apply for the post must be in possession of a Bachelor's Degree or equivalent in IT or a related area such as Computer Science, IT Management, eBusiness Studies, IT Security and Accountancy. Preference will be given to candidates with an IT Auditing professional qualification or to candidates with at least two years relevant post graduate experience.

The post carries an annual salary of €21,057 rising by annual increments of €456 to €22,427. A performance bonus may be awarded at the end of the year.

Successful candidates work under the direct supervision of the Manager, IT. This position involves directing the IT audits of various institutions and government agencies, to report effectively thereon and to formulate recommendations.

In this position, the Principal Auditor IT undertakes specific IT audit assignments and is expected to work with minimum supervision. He/she may also be required to make oral presentations on the adequacy and effectiveness of IT systems and the efficiency with which government activities are carried out besides preparing audit reports.

Applicants must have the ability to communicate verbally and in writing in the Maltese and English languages.

The employment, which is subject to a probationary period of twelve months, is on a full-time basis and is for a definite three year period which may be renewed subject to satisfactory performance. The appointment is subject to the rules and regulations governing from time to time employment with the National Audit Office.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra Maltin jew barranin, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tintemeΩ mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u dan mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Awditur Ġenerali.

L-applikanti eliġibbli jiġu ntervistati minn Bord tal-Għażla.

Isir eżami mediku biex jiġi żgurat li l-persuna magħżula tinsab f'saħħitha.

Il-kandidati għandhom jibagħtu lill-*Manager, Finance and Administration,* Uffiċċju Nazzonali tal-Verifika, il-Furjana VLT 2000 ittra ta' applikazzjoni u kopja tal-*curriculum vitae*. Irid jintbagħat ukoll ċertifikat tal-kondotta maħruġ riċentiment mill-Pulizija.

Applikazzjonijiet għandhom jaslu l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika sa nhar it-Tnejn, it-30 ta' Marzu 2009. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand il-*Manager, Finance and Administration,* Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, Notre Dame Ravelin, Floriana VLT 2000.

E-Mail: vacancies.nao@gov.mt
Website: www.nao.gov.mt

It-13 ta' Marzu, 2009

It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education or other institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the National Audit Office as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time-limit, up to a further one month, to the National Audit Office, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Auditor General

Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board.

The selected applicants will undergo a medical examination to ascertain that he/she is medically fit.

Candidates should submit to the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana VLT 2000 a letter of application and a copy of their curriculum vitae. A Police Conduct Certificate recently issued is also to be submitted.

Applications are to reach the National Audit Office by Monday 30th March 2009. Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana VLT 2000.

E-Mail: vacancies.nao@gov.mt
Website: www.nao.gov.mt

13th March, 2009

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Postijiet ta' *Project Executive*
Integrated University Information System

Jintlaqgħu applikazzjonijiet minn gradwati kkwalifikati u adatti u b'esperjenza għall-postiijet ta' *Project Executive* għall-Proġett tal-*Integrated University Information System*. L-għan ta' dan il-proġett huwa l-implimentazzjoni ta' sistema ERP biex tintuża l-iżjed mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, mill-*payroll* u mill-finanzi u wkoll biex tiġi integrata sistema ġdida ma' sistema informattiva oħra li bħalissa tuża l-Università ta' Malta. Il-ħatra huwa għal perjodu definit ta' tliett snin bil-possibiltà li jiġi mġedded.

2. Il-kandidati jridu:

Ikollhom grad relatat fil-*business;*

Esperjenza preċedenti fil-finanzi, fir-Riżorsi Umani jew teknoloġija informatika;

Għandhom ħiliet fl-*auditing/analysis;*

Ikun kompetenti sewwa fl-użu tal-*IT,* speċjalment f'*spreadsheet* u programmi tal-*flowcharts;*

Ikollhom ħiliet tajba ħafna fil-kitba, fil-kelma, u fl-organizzazzjoni u l-komunikazzjoni.

Preferenza tingħata lil dawk il-kandidati li jkollhom esperjenza fl-implimentazzjoni tal-proġetti fl-*information systems* u *business process reeingeering*.

3. Is-salarju jibda skond l-esperjenza u l-kwalifiki.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae,* kopja waħda taċ-ċertifikati u żewġ ismijiet u indirizzi ta' *referees* lil:-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
tar-Riżorsi Umani
Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi
L-Università ta' Malta
l-Imsida MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, l-20 ta' Marzu 2009.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* http://ww.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

It-13 ta' Marzu, 2009

UNIVERSITY OF MALTA

Posts of Project Executive
Integrated University Information System

Applications are invited from suitably qualified graduates with experience for the posts of Project Executive for the Integrated University Information System Project. The aim of this project is to implement an ERP system mainly for the human resources management and development function, payroll and finance function and also to integrate the new system with other information systems currently in use at the University of Malta. The appointment is offered for a three year definite period with possibility of renewal.

2. The appropriate candidates should:

Possess a business related degree qualification;

Previous experience in the field of finance, human resource management or information technology;

Have proven skills in auditing/analysis;

Be highly competent in the use IT, especially spreadsheet and flowcharting programmes;

Possess excellent written, verbal, organisatinal and communication skills.

Preference will be given to candidates who have experience in information systems implementation projects and business process reengineering.

3. The salary will be commensurate with experience and qualifications.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae one set of copies of their certificates and with contact details of two referees to:-

Director for Human Resources
Management and Development
Room 214, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Friday, 20th March 2009.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 214, Administration Building or from the website: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

13th March, 2009

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) jinħtieġ jimla l-postijiet ta':

Lecturing Staff fl-Elettronika
(Permess tal-ETC 120/2008)

Applikanti għandu jkollhom:
Degree fl-A B.Eng.(Elec.)(Hons.).
Studenti fl-aħħar sena tal-istudji tagħhom li jwassslu għal degree fil-B.Eng.(Elec.)(Hons.) jiġu kunsidrati wkoll.

Technician (Elettriku u Elettronika)
(Permess tal-ETC 42/2009) (MPO 205/2005/3)

Applikanti għandu jkollhom:
Jew Diploma fl-Elettronika Industrijali tal-Fellenberg
Jew Diploma fl-Elettronika Industrijali tal-MCAST
Jew Diploma fl-Elettriku/Elettronika (City & Guilds)
u
Jkollhom Liċenza 'A' ta'Wireman.

Applikanti għandu jkollhom minimu ta' tliet (3) snin esperjenza fil-qasam relevanti. Tingħata preferenza lill-dawk li għandhom Journeyman's Certificate fil-qasam tal-Elettriku/Elettronika.

Il-kandidat magħżul jkun jaħdem fiċ-Ċentru tal-MCAST f'Għawdex.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu formola mimlija tal-applikazzjoni tal-MCAST, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ, mhux aktar tard mit-Tnejn, it-23 ta' Marzu 2009 f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* fil-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati: Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard u li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

MCAST Main Campus
It-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032
Tel: 2398 7100 *Fax:* 2398 7316
www.mcast.edu.mt

It-13 ta' Marzu, 2009

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancy

The Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) is seeking to fill the posts of:

Lecturing Staff in Electronics
(ETC Permit 120/2008)

Applicants must be in possession of:
A B.Eng.(Elec.)(Hons.) degree.
Students in the final year of their studies leading to a B.Eng.(Elec.)(Hons.) degree will also be considered.

Technician (Electrical and Electronics)
(ETC Permit 42/2009) (MPO 205/2005/3)

Applicants must be in possession of:
Either a Fellenberg Diploma in Industrial Electronics
Or a MCAST Diploma in Industrial Electronics
Or a Diploma in Electrical/Electronics (City & Guilds)
and
Hold the Wireman's Licence 'A'.

Applicants must have a minimum of three (3) years experience in the relevant field. Preference will be given to those having a Journeyman's Certificate in the Electrical/Electronics field.

The selected candidate will be deployed at the MCAST Gozo Centre.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 23rd March 2009, at noon.

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Main Campus, are to be addressed to The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

MCAST Main Campus
Corradino Hill, Paola PLA 9032
Tel: 2398 7100 Fax: 2398 7316
www.mcast.edu.mt

13th March, 2009

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) jinħtieġ jimla l-post ta' *Learning Support Assistants* (MPO 205/2005/2) (Permess tal-ETC Nru. 39/2009)

Il-kandidati li jintgħażlu jkunu impjegati fuq bażi *part-time* għal massimu ta' 20 siegħa fil-ġimgħa skont l-esiġenzi tal-Kulleġġ.

Waqt li jwieġbu lid-Direttur tal-Informazzjoni u Servizz ta' Appoġġ għall-istudent, id-dmirijiet ta' *Part-time Learning Support Assistants* jinkludu, iżda ma jkunux limitati biex:

Jipprovdi għajnuna lil studenti b'diżabbiltajiet u diffikultajiet fit-tagħlim kif miftiehem fil-programmi tal-istudenti

Jgħinu lill-istudenti waqt l-*assessments* u eżamijiet skont l-arranġamenti u kriterji stabbiliti minn qabel

Jieħdu sehem fl-organizzazzjoni, ippjanar u monitoraġġ ta' Programmi Edukattivi Individwali

Jgħinu biex jagħtu modules lil studenti fuq kors ta' *Pathway to Independent Living*.

L-applikanti għandu jkollhom:

Diploma fil-*Facilitating Inclusive Education* mill-Università ta' Malta

JEW

Ċertifikati relevanti mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Applikanti b'tal-anqas żewġ (2) *'A' levels* ikunu kkunsidrati wkoll jekk numru ta' kandidati b'*Diploma* ma jkunx biżżejjed.

Jingħataw preferenza dawk l-applikanti b'tal-anqas tliet (3) snin esperjenza bħala *facilitators* fis-settur sekondarju/post sekondarju.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu formola mimlija tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-Kummissjoni ta' Xogħol u Taħriġ, mhux aktar tard mit-Tnejn, it-23 ta' Marzu 2009.

Applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* fil-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati: Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard u mhux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

It-13 ta' Marzu, 2009

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) is seeking to fill the post of Learning Support Assistants (MPO 205/2005/2) (ETC Permit No. 39/2009)

The successful candidates will be employed on a part-time basis for a maximum of 20 hours a week according to the exigencies of the College.

Reporting to the Director of Information and Student Support Services, the duties of Part-time Learning Support Assistants will include, but will not be limited to:

Providing assistance to students with learning disabilities and difficulties as agreed in the students' programmes

Assisting students during assessments and examinations according to pre-established arrangements and criteria

Participating in the organization, planning and monitoring of Individual Education Programmes

Assisting in the delivery of modules to students on the Pathway to Independent Living course.

Applicants must be in possession of:

A Diploma in Facilitating Inclusive Education from the University of Malta

OR

Relevant certificates from the Education Department.

Applicants with a minimum of two (2) 'A' levels will also be considered if the number of candidates with a Diploma is not sufficient.

Applicants with a minimum of three (3) years experience as facilitators in the secondary/post-secondary sector will be given preference.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 23rd March 2009.

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Main Campus, are to be addressed to The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

13th March, 2009

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

***Lecturers* Part-time**
(Permess tal-ETC Nru. 27/2009)

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) jinħtieġ jimla l-postijiet ta' *lecturers part-time* biex jgħallmu fi:

Proġett 1.34 tal-FSE - Nindirizzaw il-Ħiliet Meħtieġa fl-Industrija tal-Manutenzjoni tal-Ajruplani.

Il-kandidati magħżula jingħataw kuntratt definit *part-time* u l-Kulleġġ jista' jħaddimhom waqt il-ħin tax-xogħol normali tal-MCAST, wara l-ħin tax-xogħol u/jew is-Sibt filgħodu.

L-applikanti jridu jkunu kwalifikati u jkollhom esperjenza f'xi wieħed jew aktar minn dawn l-oqsma:

Il-Manutenzjoni tal-Ajruplani, kif stabbilit fil-EASA IR - Part 66

M1 - Matematika
M2 - Fiżika
M3 - Prinċipji Fundamentali tal-Elettriċità
M4 - Prinċipji Fundamentali tal-Elettronika
M5 - Teknika Diġitali tas-Sistemi tal-Istrumenti Elettroniċi
M6 - Materjal u *Hardware*
M7 - Prattiċi fil-Manutenzjoni
M8 - Aerodinamika Bażika
M9 - Elementi Umani
M10 - Liġijiet tal-Avjazzjoni
M11A - Aerodinamika, l-Istrutturi u s-Sistemi tal-Ajruplani li jaħdmu bit-Turbini
M13 - Aerodinamika, l-Istrutturi u s-Sistemi tal-Ajruplani
M14 - Propulsjoni
M15 - Magni Turbini li jaħdmu bil-Gass
M17 - L-Iskrejjen

Ħtiġiet:
L-applikanti jrid ikollhom:

Grad ta' B. Eng. (bl-Unuri) fl-Inġinerija, preferibbilment bi speċjalizzazzjoni fl-avjazzjoni jew esperjenza fil-manutenzjoni tal-ajruplani;
Jew il-liċenza B1 jew B2 ta' *Technician* tal-Manutenzjoni tal-Ajruplani u mill-inqas 5 snin esperjenza f'dan il-qasam;
Jew ikunu mekkaniks tal-esperjenza, u jkollhom ċertifikati relevanti f'dan il-qasam kif ukoll mill-inqas 5 snin esperjenza f'qasam industrijali.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu formola mimlija tal-applikazzjoni tal-MCAST, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard mit-Tnejn, it-23 ta' Marzu, 2009.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Part-time Lecturing Staff
(ETC Permit No. 27/2009)

The Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) is seeking to recruit part-time lecturing staff to teach on:

ESF Project 1.34 - Addressing Skills Mismatches in the Aviation Maintenance Industry.

The selected candidates will be engaged on a definite part-time contract and may be required to perform duties during normal MCAST hours, after normal College hours and/or on Saturday mornings.

Applicants must be qualified and experienced in one or more of the following areas:

Aircraft Maintenance as per EASA IR - Part 66

M1 - Mathematics
M2 - Physics
M3 - Electrical Fundamentals
M4 - Electronic Fundamentals
M5 - Digital Techniques of Electronic Instrument Systems
M6 - Materials and Hardware
M7 - Maintenance Practices
M8 - Basic Aerodynamics
M9 - Human Factors
M10 - Aviation Legislation
M11A - Turbine Aeroplane Aerodynamics, Structures and Systems
M13 - Aircraft Aerodynamics, Structures and Systems
M14 - Propulsion
M15 - Gas Turbine Engine
M17 - Propellors

Requirements:
Applicants should hold:

Either a B.Eng. (Hons.) degree in Engineering preferably with a specialization related to aviation or experience in aircraft maintenance;
Or be licensed B1 or B2 Aircraft Maintenance Technicians with at least 5 years experience;
Or be experienced mechanics and in possession of relevant type training certificates together with at least 5 years industrial experience.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday 23rd March, 2009.

Applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* fil-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati: Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard u li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

Applications, which are available online and from the reception at MCAST Administration Building, are to be addressed to: The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

Programm Operattiv II - Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Insaħħu Ħilitna għal Aktar Impiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Proġett parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-Finanzjament: 85% Fondi tal-UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013
Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life
Project part-financed by the European Union
European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in Your Future

It-13 ta' Marzu, 2009

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ
U *STANDARDS* FL-EDUKAZZJONI

**Eżami għad-dħul fil-*Junior Lyceum*
mit-Tieni sal-Ħames Klassi - 2009**

Id-Direttur Ġenerali għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni jgħarraf li f'Ġunju u Lulju 2009 se jsiru eżamijiet għad-dħul fil-Junior Lyceum mit-Tieni sal-Ħames klassi.

L-applikanti għat-Tieni u t-Tielet Klassi jkollhom joqogħdu għall-eżamijiet fil-Malti, Ingliż, Matematika, Xjenza Integrata, Reliġjon, Storja ta' Malta, Ġografija, Studji Soċjali u lingwa barranija minn fost dawn li ġejjin: Taljan, Franċiż, Ġermaniż, Għarbi u Spanjol.

L-applikanti għar-Raba' u l-Ħames Klassi jkollhom joqogħdu għall-eżamijiet fil-Malti, Ingliż, Matematika, Fiżika, Reliġjon, Storja ta' Malta, Ġografija, Studji Soċjali u lingwa barranija minn fost dawn li ġejjin: Taljan, Franċiż, Ġermaniż, Għarbi u Spanjol.

Is-sillabi huma dawk tal-Junior Lyceum.

L-applikazzjonijiet jistgħu jinkisbu mingħand il-Kap tal-Iskola fejn il-kandidati jkunu qegħdin jattendu minn nhar it-Tnejn, 16 ta' Marzu, 2009.

13th March, 2009

DIRECTORATE FOR QUALITY AND
STANDARDS IN EDUCATION

**Junior Lyceum Entrance Examinations
into Forms II to V - 2009 Session**

The Director General for Quality and Standards in Education notifies that examinations for entry into Forms II to V of the Junior Lyceum will be held in June 2009.

Applicants for entry into Forms II and III will have to sit for examinations in Maltese, English, Mathematics, Integrated Science, Religion, History of Malta, Geography, Social Studies and one foreign language from the following: Italian, French, German, Arabic and Spanish.

Applicants for entry into Forms IV and V will have to sit for examinations in Maltese, English, Mathematics, Physics, Religion, History of Malta, Geography, Social Studies and one foreign language from the following: Italian, French, German, Arabic and Spanish.

The syllabuses are those followed in the Junior Lyceum.

Applications may be obtained from the Secondary school where the candidate is attending as from Monday 16th March 2009.

Studenti ta' skejjel sekondarji tal-Istat għandhom jikkonsenjaw il-formoli tal-applikazzjoni tagħhom flimkien ma' ritratt awtentikat, daqs tal-passaport, lill-Kap tal-Iskola fejn bħalissa qegħdin jattendu.

Studenti ta' skejjel mhux tal-Istat minn Malta għandhom jikkuntattjaw lit-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv fid-Direttorat tal-Edukazzjoni biex jiksbu l-informazzjoni dwar l-iskola fejn iridu japplikaw u jikkonsenjaw il-formoli tal-applikazzjoni tagħhom flimkien ma' ritratt awtentikat, daqs tal-passaport.

Studenti subien ta' skejjel mhux tal-Istat minn Għawdex għandhom jiġbru l-applikazzjoni mill-Iskola Sekondarja għas-Subien 'Ninu Cremona' filwaqt li l-bniet għandhom jiġbru l-applikazzjoni mill-iskola sekondarja għall-Bniet 'Agius de Soldanis' u jikkonsenjaw il-formoli tal-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' ritratt awtentikat, daqs tal-passaport, fl-istess skola sekondarja.

L-applikazzjonijiet, mimlijin kif suppost, għandhom jittieħdu fejn diġà msemmi, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 3 ta' April, 2009. Applikazzjonijiet li jaslu tard jew jintbagħtu bil-posta ma jiġux ikkunsidrati.

It-13 ta' Marzu, 2009

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar l-Għaqdiet Koperattivi)

Xoljiment ta' Għaqda

Ordni Nru. 1

Billi l-"Enviro Coop Limited" li ġiet irreġistrata fid-9 ta' Ottubru 2002, waqfet minn kull ħidma u billi l-Bord tal-Koperattivi huwa sodisfatt illi s-Soċjetà msemmija għandha tiġi maħlula skont u għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 100 (2) tal-Att tal-2001, il-Bord tal-Koperattivi ordna illi s-Soċjetà msemmija għandha tinħall u tinnomina lis-Sur Stephen Balzan, CPA, EMD Advisory Services Limited, Vaults 13-15, Valletta Waterfront, FRN 1913, bħala likwidatur.

Is-Sur John Camilleri
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

L-4 ta' Frar, 2009
CB 17/08

Students attending State Secondary Schools are to hand in their application forms, together with an authenticated passport-size photograph, to the Head of the school they are presently attending.

Students attending non-State Secondary Schools from Malta are requested to contact the Educational Assessment Unit to get the necessary information as to where to collect and to hand in their application forms, together with an authenticated passport-size photograph.

Students attending non-State Secondary Schools from Gozo are to collect and hand in their application forms, together with an authenticated passport-size photograph, at Ninu Cremona Boys' Secondary and Agius de Soldanis Girls' Secondary.

Applications, duly filled, should be handed in by not later than noon of Friday, 3rd April, 2009. Late applications and applications sent by post will not be considered.

13th March, 2009

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Winding Up Order

Order No. 1

Whereas the "Enviro Coop Limited" which was registered on 9th October 2002, ceased functioning and the Co-operatives Board is satisfied that the Society should be wound up in accordance with and for the purposes of the provisions of section 100 (2) of the Co-operative Societies Act 2001, the Co-operatives Board has ordered the said Society to be wound up and has appointed Mr Stephen Balzan, CPA, EMD Advisory Services Limited, Vaults 13-15, Valletta Waterfront, FRN 1913, to be liquidator.

Mr John Camilleri
Chairperson
Central Office of Co-operatives

4th February, 2009

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001)

Avviż ta' Ordni ta' Tħassir ta' Reġistrazzjoni

Ordni Nru. 2

Ngħarrfu b'dan illi l-Bord tal-Koperattivi ordna t-tħassir ta' reġistrazzjoni ta' "Local Wardens Co-operative Society Limited" skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 105 (1) tal-Att Nru. XXX tal-2001.

Is-Sur John Camilleri
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

L-4 ta' Frar, 2009
CB 12/99 (2)

CO-OPERATIVES BOARD

(Act No. XXX of 2001)

Notice of Order of Cancellation of Registration

Order No. 2

It is hereby notified that the Co-Operatives Board has ordered the cancellation of the registration of "Local Wardens Co-operative Society Limited" in accordance with the provisions of section 105 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr John Camilleri
Chairperson
Central Office of Co-operatives

4th February, 2009

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Riżultat ta' Intervisti għall-Postijiet/Pożizzjonijiet fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, jgħarraf illi r-riżultat tal-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn taħt ġew ippubblikati u wieħed jista' jarahom fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Direttorat *People Mangement and Support Services*, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Blokk 'A', il-Furjana, u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-Postijiet/Pożizzjonijiet huma dawn li ġejjin:

Principal Security Officer fit-Taqsima tax-Xogħlijiet
Principal Technical Officer fil-*Parks, Afforestation and Rural Conservation Unit*
Project Manager (Restawr u Rijabilitazzjoni tal-Fortifikazzjonijiet Storiċi ta' Malta u Għawdex) fit-Taqsima tax-Xogħlijiet
Supervisor (Watchmen) fit-Taqsima tax-Xogħlijiet

It-13 ta' Marzu, 2009

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

